



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Lulju 2018
(OR. en)

11417/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0294 (NLE)

COEST 162

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	24 ta' Lulju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	JOIN(2018) 24 final
Suġġett:	Proposta Konġunta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill ta' Kooperazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-Prijoritajiet ta' Sħubija UE-Ażerbajġan

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument JOIN(2018) 24 final.

Mehmuż: JOIN(2018) 24 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI GĦALL-
AFFARIJET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 24.7.2018
JOIN(2018) 24 final

2018/0294 (NLE)

Proposta Konġunta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill ta' Kooperazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-Prijoritajiet ta' Sħubija UE-Ażerbajġan

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Kooperazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija u ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, min-naħa l-oħra b'rabta mal-adozzjoni prevista tar-Rakkomandazzjoni Nru XX/2018 li jiġu adottati l-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ażerbajġan.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni UE-Ażerbajġan

Il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") għandu l-għan li jipprovdi qafas xieraq għad-djalogu politiku u l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet li jippermetti l-iżvilupp ta' relazzjonijiet politiċi. Il-ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1999.

2.2. Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni

Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni għandu jeżamina kull kwistjoni maġġuri li tinqala' fil-kuntest tal-qafas ta' dan il-Ftehim u kull kwistjoni bilaterali jew internazzjonali li tkun ta' interess reċiproku għall-finijiet tal-kisba tal-oġettivi ta' dan il-Ftehim. Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa, bi qbil bejn il-Partijiet. Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni jikkonsisti minn membri tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u membri tal-Kummissjoni Ewropea, minn naħa, u minn membri tal-Gvern tar-Repubblika tal-Ażerbajġan, min-naħa l-oħra. Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni għandu r-regoli tiegħu ta' proċedura¹.

2.3. L-att previst tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni

Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni jrid jadotta permezz ta' proċedura bil-miktub Rakkomandazzjoni dwar il-Prijoritajiet ta' Sħubija dwar is-sħubija u l-kooperazzjoni tagħhom ("l-att previst").

L-iskop tal-att previst huwa li jittraduċi l-miri tal-Politika Ewropea tal-Viċinat² (European Neighbourhood Policy, ENP) riveduta f'oqsma konkreti ta' kooperazzjoni u se jifforma l-aġenda għal djalogu politiku u settorjali regolari.

3. POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-pożizzjoni li trid tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Kooperazzjoni stabbilit bil-Ftehim dwar l-adozzjoni tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ażerbajġan hija bbażata fuq it-test tar-rakkomandazzjoni anness ma' din id-Deċiżjoni.

Il-prijoritajiet ta' Sħubija proposti jilhqqu l-oġettivi tal-PEV riveduta. Huma se jiggwidaw l-ipprogrammar pluriennali tal-kooperazzjoni finanzjarja tal-UE mal-Ażerbajġan, li se jiġi deċiż fil-Qafas ta' Appoġġ Uniku 2018-2020 u jieħu post il-Pjan ta' Azzjoni tal-PEV.

¹ Adottat fit-12 ta' Ottubru 1999.

² 18.11.2015 JOIN(2015) 50 final.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Il-prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu “l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sewa stabbilita fi ftehim, meta dik is-sewa tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

Il-kunċett ta’ “atti li jkollhom effetti legali” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat. Dan jinkludi strumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni”³.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kunsill ta’ Kooperazzjoni huwa korp stabbilit permezz ta’ ftehim, jiġifieri l-Ftehim ta’ Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, min-naħa l-oħra

L-att li l-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni huwa mitlub jadotta jikkostitwixxi att b’effetti legali. L-att previst jista’ jinfluwenza b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE, jiġifieri l-ipprogrammar pluriennali tal-kooperazzjoni finanzjarja taħt il-Qafas ta’ Appoġġ Uniku. Dan minħabba li l-Artikolu 7(2) tar-Regolament 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat⁴ jistipula li għal pajjiżi li għalihom ikunu jeżistu d-dokumenti msemmija fl-Artikolu 3(2) tal-istess Regolament, għandu jiġi adottat qafas ta’ appoġġ pluriennali komprensiv skont il-proċedura tal-eżaminar imsemmija fl-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 236/2014⁵. Tali dokumenti għandhom ikunu pjanijiet ta’ azzjoni jew dokumenti ekwivalenti oħra miftiehma b’mod konġunt, bħal Prijoritajiet tas-Sħubija.

L-att previst ma jissupplimentax u ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-baży ġuridika proċedurali tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Baży ġuridika sostantiva

4.2.1. Il-prinċipji

Il-baży ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi b’mod prinċipali mill-għan u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew minn dawk il-komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq baży ġuridika sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

Fir-rigward ta’ att previst li simultanjament isegwi għadd ta’ għanijiet, jew li għandu diversi komponenti, li huma inseparabbilment marbuta mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-

³ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

⁴ ĠU L 77, 15.3.2014.

⁵ IR-REGOLAMENT (UE) Nru 236/2014 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tal-11 ta’ Marzu 2014 li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-finanzjament tal-azzjoni esterna, ĠU L 77, 15.3.2014.

ieħor, il-bażi ġuridika sostantiva ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE għandha tinkludi, eċċezzjonalment, id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-oġġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw il-kooperazzjoni mal-Ażerbajġan fil-qafas tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni u l-Politika Ewropea tal-Viċinat riveduta.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 37 TUE u l-Artikoli 207 u 209 TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

L-att tal-Kumitat Konġunt se jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħu.

Proposta Konġunta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill ta' Kooperazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-Prijoritajiet ta' Sħubija UE-Ażerbajġan

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 207 u 209, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, min-naħa l-oħra (il-Ftehim), daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1999.
- (2) Skont l-Artikolu 81 tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Kooperazzjoni jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa għall-finijiet tal-kisba tal-għanijiet tal-Ftehim.
- (3) Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni se jadotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-Prijoritajiet tas-Sħubija permezz ta' proċedura bil-miktub.
- (4) Il-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-Kunsill ta' Kooperazzjoni dwar l-adozzjoni tal-Prijoritajiet ta' Sħubija UE-Ażerbajġan trid tiġi adottata mill-Kunsill,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill ta' Kooperazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, min-naħa l-oħra, għandhom ikunu bbażati fuq l-abbozz tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli.
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*